Fil-Qorti tal-Appell Kriminali

Imhallfin:

S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President

Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.

Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.

Att ta' Akkuza Nru: 45/82

Ir-Repubbblika ta' Malta

kontra

Francis Casaletto ta' sebgha u ghoxrin sena, imwieled Casal Pawla, bin John

Illum, 22 ta' Marzu 1985.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li permezz tieghu l-imsemmi Francis Casaletto, wara li ppremetta li huwa hass ruhu aggravat bid-decizjoni tal-Qorti Kriminali tal-4 ta' Gunju, 1984, li cahdet l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames eccezzjonijiet preliminari tieghu, u cioe`, dawk li rispettivament jirrigwardaw

(i) l-istqarrija 'ut sic' tax-xhieda Sandra Endrich (Dok. "D") u Mary Grace Casaletto (Dok. "C") li ttiehdu fl-istadju ta' l-interrogatorju;

(ii) l-inammissibilita` tad-depozizzjoni ta' Mary Grace Casaletto (a fol. 27 u 28) moghtija fl-Inkjesta;

(iii) l-inammissibilita` tad-depozizzjoni ta' Sandra Endrich (a fol. 29/36) maghmula fl-Inkjesta; u

(iv) l-inammissibilita` tad-depozizzjoni ta' Sandra Endrich (a fol. 179/181) maghmula fil-25 ta' Jannar, 1982 fil-kompilazzjoni;

TALAB lil din il-Qorti tirriforma dik l-imsemmija decizjoni billi tirrevokaha in kwantu cahdet l-imsemmija erba' eccezzjonijiet u tikkonfermaha fir-rimanenti, u fl-istess waqt tiddikjara u tillimita l-iskop preciz li ghalih kull wahda mill-istqarrijiet u/jew depozizzjonijiet, interament jew in parti, tista' tintuza fil-guri jekk tigi dikjarata ammissibbli;

Rat l-imsemmija decizjoni tal-Qorti Kriminali tal-4 ta' Gunju, 1984, li, ghar-ragunijiet hemm indikati, cahdet l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames eccezzjoni diga` msemmija, asteniet ruhha milli tiehu konjizjoni tar-raba', is-sitt u s-seba' eccezzjoni li gew irtirati, u ddikjarat ammissibbli bhala xhud tad-Difiza lill-Professur Angelo Psaila "fl-istadju u bis-salvagwardji opportuni";

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semghet it-trattazzjoni ta' l-appell mid-Difiza u mill-Prosekuzzjoni.

IKKUNSIDRAT:

Fl-ewwel lok, biex wiehed ikollu stampa cara tal-pozizzjoni, ghandha ssir distinzjoni bejn l-ipotesi li l-imsemmija Mary Grace Casaletto u Sandra Endrich jidhru l-Qorti biex jixhdu fil-proceduri tal-guri quddiem il-Qorti Kriminali, u l-ipotesi li dawn iz-zewg xhieda, jew xi wahda minnhom, ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 642(2)(b) tal-Kodici Kriminali, ma tkunx tista' tidher fil-Qorti biex tixhed;

Fl-ewwel ipotesi, ghal kull wahda minn dawn l-imsemmija zewg xhieda, kif del resto ghal kull xhud iehor, japplikaw id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 583 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, kif applikabbli ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali bl-artikolu 641 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk, f'dan is-sens, jekk ic-cirkostanzi jkunu hekk jirrikjedu ghall-finijiet tal-gustizzja, u kif stabbilit bl-artikolu 585 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (applikabbli wkoll ghall-Qrati Kriminali), il-kredibbilita` ta' kull wahda minn dawn iz-zewg xhieda tista' tigi attakkata billi kull wahda minnhom tigi konfrontata bi kwalunkwe dikjarazzjoni li kienet ghamlet qabel, komprizi, naturalment, kull stqarrija li kienet ghamlet lill-Pulizija u kull dikjarazzjoni bil-gurament minnha maghmula precedentement fi kwalunkwe stadju tal-proceduri;

Fil-kaz tat-tieni ipotesi, cioe`, jekk dawn iz-zewg xhieda jew xi wahda minnhom, ma jkunux jistghu jidhru l-Qorti biex jixhdu japplikaw id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 642 tal-Kodici Kriminali. Is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jistabilixxi bhala regola generali illi x-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u 'viva voce'. Is-subartikolu (2)(b), imbaghad, ta' l-istess artikolu jiddisponi li x-xhidiet tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkuzat, kemm-il darba jkunu ttiehdu bil-gurament matul il-kompilazzjoni, skond il-ligi, jistghu jingiebu bhala prova jekk fiz-zmien tal-kawza x-xhud ma jkunx jista' jidher il-Qorti biex jixhed ghal xi wahda mir-ragunijiet hemm imsemmija;

Importanti jigi rilevat hawnhekk illi f'din l-ipotesi il-ligi timponi zewg kondizzjonijiet biex ix-xhieda precedentement moghtija tkun tista' tissostitwixxi x-xhieda 'viva voce' fil-kawza, cioe`, (i) li tkun giet moghtija fil-kors tal-kompilazzjoni, u (ii) li tkun ittiehdet skond il-ligi. Essenzjali, ghalhekk, li dik li tinqara tkun ix-xhieda li tkun giet moghtija fil-kompilazzjoni, u mhux f'xi stadju anterjuri ghall-kompilazzjoni, u li tkun giet moghtija skond il-ligi;

Kif ghandha tittiehed ix-xhieda fil-kompilazzjoni tistabilieh il-ligi. L-artikolu 402(1) tal-Kodici Kriminali, infatti, ighid li l-Qorti Istruttorja, fost hwejjeg ohra, ghandha "tisma' l-provi li jingiebu biex isahhu r-rapport" u li kollox jitnizzel bil-miktub. L-artikolu 403(1), imbaghad, jiddisponi illi x-xhieda ghandhom jigu ezaminati mill-Qorti, u skont il-gia` citat artikolu 642(1) – li jinsab taht it-Titolu: "Fuq Hwejjeg li Jghoddu Ghall-Kawzi Kriminali Kollha" – ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u 'viva voce';

Minn dan johrog car, ghalhekk, li x-xhieda fil-kompilazzjoni, biex ikun jista' jinghad li nstemghu skond il-ligi, jehtieg li jkunu nstemghu 'viva voce', u wahda mir-ragunijiet li l-ligi tezigi li x-xhieda jinstemghu 'viva voce' hija evidentement dik biex jigi zgurat li l-kontenut tax-xhieda jkun ir-rizultat ta' domandi legalment korretti u ammissibbli skond il-ligi;

Rilevanti f'dan ir-rigward il-kaz Ingliz "R. v. Phillips & Quayle" (1939 – 1 K.B. 63) fejn fil-proceduri quddiem il-Qorti, minflok ma gew mismugha x-xhieda 'viva voce', inqrat ix-xhieda li kull xhud kien ta fi stadju precedenti u kull xhud ikkonferma dik ix-xhieda. Il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet illi "this procedure, however convenient it may have seemed to be, was irregular and contrary to law". B'dan il-mod, argumentat dik il-Qorti, l-akkuzat ma kellux l-opportunita` li jisma' lix-xhud "give his evidence so that he is able to object to any question that may be put improperly and to see that the oral evidence is recorded in writing with accuracy and fairness" (A.K. Mughal: Cases & Statutes on Criminal Procedure, 1973, p. 9);

Biex tkun ittiehdet skond il-ligi, ghalhekk, ix-xhieda jehtieg li tkun giet moghtija mix-xhud fil-Qorti 'viva voce'. Fi kliem iehor, jehtieg li tkun ir-riproduzzjoni ta' dak li jkun qal ix-xhud fil-Qorti dwar il-fatti li fuqhom ikun gie msejjah biex jixhed u bhala risposta dwar l-istess fatti ghad-domandi li jsirulu taht il-kontroll tal-Qorti. Xhieda mehuda b'xi mod iehor m'hijiex xhieda 'viva voce' fit-termini tal-ligi;

Fil-kaz in ezami, ghalhekk, konformement ma' dak kollu premess, kemm-il darba x-xhud Mary Grace Casaletto, ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 642(2)(b) ma tkunx tista' tidher il-Qorti biex tixhed, ghandha tinqara fl-intier taghha x-xhiehda li l-istess xhud kienet tat fil-kompilazzjoni fis-6 ta' Novembru, 1981 u li tinsab a fol. 118 tal-process.

Fil-kaz tax-xhud Sandra Endrich, jekk din ix-xhud, ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fil-paragrafu precedenti, ma tkunx tista' tidher il-Qorti biex tixhed, ghandha tinqara x-xhiehda li kienet tat fil-kompilazzjoni fis-7 ta' Gunju, 1982, u li tinsab a fol. 207, fl-intier taghha, kif ukoll dik li kienet tat fil-25 ta' Jannar, 1982, li tinsab a fol. 179, ad eskluzjoni, pero`, ta' l-ewwel zewg paragrafi, u li tasal sal-kliem: "meta kien isemmi dawn l-affarijiet " a fol. 181, cioe`, il-parti li tinqara hija dik li tibda bil-kliem: "Ftit qabel ma nqala' l-incident ...." u tispicca bil-kliem: ".... meta kien isemmi dawn l-affarijiet.", kif ukoll dik il-parti li tibda bil-kliem: "L-ewwel kellu Morris hadra ...." u tispicca: ".... fil-karozza Simca.";

Ghal dawn il-motivi, ghalhekk, tiddeciedi billi tirriforma d-decizjoni appellata fis-sens li tiddikjara illi fil-kaz li z-zewg xhieda msemmija, Mary Grace Casaletto u Sandra Endrich, jew xi wahda minnhom, ghal xi wahda mir-ragunijiet previsti fl-imsemmi artikolu 642(2)(b) tal-Kodici Kriminali, ma tkunx tista' tidher fil-Qorti biex taghti x-xhieda taghha, ghandha tinqara x-xhieda li kienet giet moghtija fil-kompilazzjoni, u cioe`, fil-kaz ta' Mary Grace Casaletto dik a fol. 118 tal-process 'in toto', u fil-kaz ta' Sandra Endrich dik a fol. 179 tal-process bil-limitazzjoni iktar `il fuq imsemmija u dik a fol. 207 'in toto';

L-istqarrija ta' Sandra Endrich lill-Pulizija (Dok. "C") u dik ta' Mary Grace Casaletto (Dok. "D"), kif ukoll kulma kienet qalet kull wahda minn dawn iz-zewg xhieda fil-kors ta' l-Inkjesta u fil-kors tal-kompilazzjoni, oltre x-xhidiet u/jew partijiet ta' xhieda li ghadhom kemm issemmew fil-paragrafu precedenti, jista' jsir uzu minnhom limitatament ghall-finijiet ta' konfront fit-termini ta' l-imsemmija artikoli 583 u 585 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, kif diga` inghad, fil-kaz li tqum in-necessita` waqt li x-xhud tkun qieghda taghti x-xhieda taghha fil-Qorti Kriminali – b'dan il-mod tiddisponi mill-appell.